MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013

Numru. 102/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs.**

**Mario Farrugia**

Kumpilazzjoni Numru: 102/2013

Illum 22 ta’ Ottubru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Farrugia**, ta’ wiehed u erbghin (41) sena, iben Godfrey u Frances neé Attard, imwieled Ghawdex fl-24 ta’ Mejju 1972, u li joqghod fil-fond ‘Valle Verde,’ Triq ta’ Gajdoru, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-

Numru 14772(G), akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru 2013 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data:

1. assocja ruhu ma' xi persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel reat bi ksur tal-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ordinanza Dwar l-Esplossivi Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. zamm ghall-bejgh jew hazen porvli tal-isparar jew esplossivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija moghtija taht il-kundizzjoni li l-bejjiegh ghandu jirrapporta lill-Pulizija kull bejgh li hu jaghmel u l-isem u l-indirizz tax-xerrej;

3. kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, zamm fid-dar tieghu u/jew f'post iehor, hadem, biegh jew offra ghall-bejgh jew ikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra msemmijin fl-Artikolu 6 tal-Ordinanza Dwar l-Esplossivi Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. filwaqt li kellu licenzja mahruga taht l-Att dwar l-Armi bhala negozjant, naqas li jzomm registru b'inventarju ta' kull arma tan-nar u munizzjon u ta' kull darba li rcieva jew nehha, taht liema titolu jkun, xi arma tan-nar jew munizzjoni ghal-liema raguni tkun, meta kien obbligat inizzel dan il-fatt billi jispecifika:

(a) l-isem, il-kunjom, in-numru tal-karta tal-identita', x'ikun ix-xoghol u l-post ta' residenza tal-persuna li minn ghandha jkun ircieva l-armi regolari jew il-munizzjon jew lil min dawn ikunu ser jigu kkunsinnati;

(b) l-ghadd jew il-kwantita' ta' armi regolari jew munizzjon u d-data meta jircevihom jew inehhihom;

(c) in-numru tal-licenzja li jkollha l-persuna li lilha jigu trasferiti l-arma regolari jew il-munizzjoni;

5. bhala detentur ta' licenzja ta' negozjant, naqas li jzomm u jikkonserva r-registru ghaldaqstant zmien

sakemm huwa baqa' jkollu dik il-licenzja, liema registru ghandu, fid-data meta jigi depozitat, ikun iffirmat kif imiss mid-detentur tal-licenzja u kontrosenjat mill-Kummissarju jew minn ufficjal li jkun gie awtorizzat ghaldaqstant minnu;

6. bhala detentur ta' licenzja li jkollu jedd jimporta, jakkwista, izomm u jnehhi armi regolari u munizzjon skont id-dispozizzjonijiet moghtija taht it-Taqsima V tar-Regolamenti Dwar il-Licenzji Ghall-Armi (LS 480.02) tal-Att Dwar l-Armi hazen aktar minn tnax-il elf balla bhala munizzjoni fil-fond "Hobbies", Triq l-Ewropa, Rabat, Ghawdex u/jew "Valle Verde", Triq ta' Gajdoru, Xaghra, Ghawdex jew xi parti li taghmel maghhom;

7. dahhal f'Malta porvli tal-isparar jew esplossivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-polvri jew ta' xoghlijiet tan-nar, inkella fabbrika ohra fejn jinhadmu porvli jew esplossivi ohra, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija meta ma kienx xoghol ta' kwantita' zghira ta' porvli tal-isparar jew ta' esplossivi ohra ghall-fini ta' esperimenti kimici.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013, saret korrezzjoni fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li, in segwitu ta tali korrezzjoni, l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat regghu gew moqrija bil-gurament.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu aktar zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena, fosthom dak verbalizzat fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013, fejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.
Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tieghu (Dok. “MM 1” – *a fol.* 10), l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u kif ukoll id-dikjarazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 48A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 3(1), 9(1), 9(2) u 29(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 15(1) u 15(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Regolament 34(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Mario Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba’ (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba’ (4) snin.

Finalment, il-Qorti, wara li rat Regolament 34(c) tal-Legislazzjoni Sussidarja 480.02 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha (munizzjon) li jinsab elenkat f’ricevuta mmarkata bhala Dok. “KA 5” (*a fol.* 35 *et seq.*), liema rcevuta giet ezebieta fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2013, u dana **<u>ghajr</u>** ghall-munizzjon li jinsab indikat fl-istess dokument bi stilla u b’cirku ahmar ma’ genbu (u enumerat minn numru wiehed (1) san-numru hamsa (5)).

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------